# Nikola Dingli, is-Siġġiewi, u l-Ospizju Sant'Anna

Nicholas Vassallo D. Litt.

Fi żmien il-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, is-sistema tas-saħħa f'Malta kienet fost l-aqwa fl-Ewropa. L-Ordni ta' San Ġwann sa mill-bidu kien imwaqqaf biex jieħu ħsieb il-morda u għalhekk mal-wasla tagħhom fi gżiritna l-Kavallieri ħadu ħsieb iwaqqfu sptar fil-Birgu għall-kura tal-Maltin ukoll. Sa mill-1372 fir-Rabat, Malta, jissemma' l-isptar San Franġisk li aktar tard beda jissejjaħ Sptar Santu Spirtu u baqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill tal-Imdina, li minnu kien dipendenti wkoll is-Siġġiewi. Meta nbniet il-Belt Valletta wara l-1566, il-kavallieri bnew ukoll is-*Sacra Infermeria*, sptar kbir u modern qrib il-Barrakka t'Isfel maħsub biex jilqa' l-morda mhux biss minn fost il-Kavallieri u l-Maltin iżda l-ilsiera wkoll.

Madankollu bosta nies, l-aktar mill-irħula, kien jqisuh tal-mistħija li wieħed jittieħed l-isptar għall-kura, qisu tturufnat minn niesu u minn daru għax biex iżuru 'l-marid niesu kellhom jimxuha mis-Siġġiewi sal-Belt jew jirkbu karozzin – min kellu mnejn iħallas! Għalhekk maż-żmien il-knisja f'Malta kif ukoll xi benefatturi Maltin ħadu ħsieb iwaqqfu ospizji jew djar ta' kenn għall-morda u għal dawk li ma jkollhomx min idur bihom. Fosta dawn insibu id-Dar ta' San Ġużepp Ħaż-Żebbuġ, l-Ospizju Sant' Anna fl-Isla u l-Ospizju Nikola Saura fir-Rabat, li huwa mdaqqas ġmielu u kien meqjus bħala wieħed mill-aħjar sptarijiet ta' Malta.

L-Ospizju Sant'Anna twaqqaf għall-aħħar tas-Seklu XVIII minn Nikola Dingli u martu Madalena, imwielda Cornelio, meta fit-30 ta' Marzu 1794 urew bil-miktub fit-testment tagħhom ix-xewqa li jħallu d-dar tagħhom, fl-Isla fejn kienu joqogħdu, biex fiha jsibu kenn mill-anqas sitt nisa xjuħ jew abbandunati li ma jkollhomx min idur bihom. Kienet dar kbira tagħti għal fuq il-baħar (*al molo ossia in vista del mare*, kif jgħidilna Nikola innifsu) li Madalena wirtet mingħand ommha u missierha. Huma riedu wkoll iħallu ġidhom kollu għall-manutenzjoni tad-dar u għall-manteniment ta' dawk in-nisa li eventwalment kellhom isibu kenn fiha.

Nikola, bin Ġużeppi, twieled l-Isla fit-3 ta' Jannar 1725. Martu Madalena wkoll twieldet l-Isla, fit-3 ta' Settembru 1735. Il-ġenituri tagħhom ukoll kienu mill-Isla fejn, milli jidher, kienu joqogħdu sa minn twelidhom. Madankollu l-familja Dingli kienet ta' dixxendenza Siġġiwija. Madalena, bint Ġużeppi Cornelio u martu Diana[1], ma kellhiex ħuta oħrajn filwaqt li Nikola Dingli kellu oħtu waħda, tnax-il sena iżgħar minnu. Iż-żewġ familji, kemm Dingli kif ukoll Cornelio, kienu ġejjin min-nies għonja: it-tnejn kellhom mill-anqas żewġ sefturi joqogħdu magħhom biex jgħinuhom u jaqduhom fix-xogħol ta' kuljum[2]. Ġużeppi, missier Nikola, kien











***Nikola Dingli u Madalena Dingli Cornelio. Pitturi fuq it-tila li saru għall-aħħar tas-seklu tmintax u bidu tas-seklu dsatax u li jinsabu fil-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla.***

avukat waqt li Ġużeppi Cornelio, missier Madalena, kien negozjant magħruf, kellu kumpanija tal-assigurazzjoni. Xogħlu kien jinxurja l-vapuri kif ukoll in-nies ta' fuqhom u l-merkanzija li kienu jġorru. Xi drabi l-ammont tal-assigurazzjoni kien jitla' għal mijiet ta' eluf ta' skudi[3]. Kemm il-familja Cornelio kif ukoll Dingli kellhom daqstant ġid mhux biss għax kienu ġejjin minn familji sinjuri iżda wkoll għax għal nofs is-seklu tmintax għarfu jinvestu dak li kienu jaqilgħu min-negozju fi djar u oqsma ta' raba', il-biċċa l-kbira n-naħiet tas-Siġġiewi. Nikol kien midħla ta' Ġużeppi Cornelio, missier Madalena. Għalhekk imbagħad hu wkoll intefa' għax-xogħol ta' inxurjar ta' bastimenti li kienu sikwit isalpaw fil-Mediterran, iġorru merkanzija lejn Sirakuża, Marsilja, Barċellona u portijiet oħrajn fl-Italja u fi Spanja.

Nikol Dingli u Madalena żżewġu ftit wara l-1760 meta Nikol kellu diġà qrib l-erbgħin sena. Huma kienu devoti kbar tal-Madonna u ta' Sant'Anna; għalhekk meta lejn l-aħħar tas-sena 1764 twilditilhom tifla semmewha Marjanna iżda din mititilhom ta' anqas minn sentejn. Fis-snin ta' wara, kellhom tifla oħra li semmewha bħall-ewwel waħda. Imbagħad, ftit aktar minn seba' snin wara ż-żwieġ tagħhom, kellhom

tifel iżda dan ukoll miet żgħir, ta' madwar tliet snin. Fl-1784, ta' sbatax-il sena, Marjanna (it-tieni bint u l-unika waħda li kien baqgħalhom) iżżewġet l-avukat nobbli, Luigi Maria Gatto. B'xorti ħażina hi ukoll mietet qasir il-għomor, ta' madwar 25 sena, mingħajr ma kellhom tfal. B'hekk intemmet id-dixxendenza diretta ta' Nikola Dingli. Peress li Nikol u Madalena ma kellhomx tfal aktar, huma xtaqu li meta wara mewthom darhom tinbidel f'ospizju, is-sitt nisa ospitati fih jintgħażlu minn fost il-familjari tagħhom jew qrabathom: possibilment tlieta Siġġiwin min-naħa ta' Nikol u t-tlieta l-oħra min-naħa ta' martu.

Nikola miet f'Awwissu tal-1809 u Madalena fl-1814. Ftit snin wara mewthom, il-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-Isla għażlet prokuraturi apposta għat-tmexxija ta' din l-opra. Meta fl-1819 l-ospizju laqa' l-ewwel sitt invalidi, tnejn minnhom kienu mis-Siġġiewi. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, bit-tħabrik tal-Kanonku Dun Vinċenz Camilleri, id-dar oriġinali ta' Madalena u Nikola Dingli twaqqgħet u l-ospizju nbena mill-ġdid. L-ospizju l-ġdid, did-darba bl-isem ta' "Dar Sant'Anna", kien inawgurat fl-1987. Illum id-dar hija mmexxija minn kummissjoni magħżula apposta mill-arċidjoċesi ta' Malta flimkien ma' għaqdiet ta' karità u tilqa', bejn nisa u irġiel, madwar 30 anzjan.

Iżda s-Siġġiewi kif jidħol? Jidħol, għax għalkemm Nikola Dingli u missieru kienu mill-Isla, nieshom kienu Siġġiwin. Infatti fit-testment tagħhom magħmul "*Unica Charta*" fit-30 ta' Marzu 1794, waqt li Madalena ħalliet miktub li wara mewtha tixtieq tkun midfuna fil-Kolleġġjata tal-Isla, żewġha Nikol wera x-xewqa li jkun midfun fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi, akkumpanjat mill-kleru tar-raħal u t-tokki funebri tal-qniepen tal-knisja u tal-kappelli kollha. Kien miġjub ħafna mis-Siġġiwin u hu kien iħobbhom ukoll. Għal dan il-għan mhux biss ried li wara mewtu jitqassmu flus lil min jieħu sehem fil-funeral iżda ried ukoll li jingħataw għaxar skudi lil kull min qdieh matul l-aħħar tliet snin ta' ħajtu, fost l-oħrajn għadd ġmielu ta' gabillotti Siġġiwin li kienu jaħdmulu r-raba' tiegħu. Għax Nikol, għalkemm imwieled u joqgħod l-Isla, qalbu kienet tħabbat hawn: kellu l-għeruq hawn.

Bosta mill-ġid li kien jippossiedi fl-inħawi tas-Siġġiewi, kien wirtu mingħand l-antenati tiegħu. Minbarra dar Bormla, razzett il-Birgu u xi raba' fl-inħawi ta' Ħaż-Żabbar u qrib Ħal Kirkop, min-naħa ta' missieru Nikol wiret ukoll xi djar is-Siġġiewi u għelieqi lejn Ta' Kandja, lejn L-Imwieġel, il-Wilġa u Tal-Iqwas. Minn fost il-bini u oqsma ta' raba' fl-inħawi tas-Siġġiewi li Nikola Dingli ħalla biex jitwaqqaf l-Ospizju Sant'Anna jissemmew palazz u tlett idjar imissu miegħu, kollha parti mill-wirt li, snin qabel, kien mess lil zijuh Dun Anton, ħu missieru. Meta lil Mikiel Baldacchino mis-Siġġiewi krielu waħda minnhom għall-prezz ta' ħmistax-il skud fis-sena, biex ikun aktar ċar għal liema dar qiegħed jirreferi, Nikol isemmi li hija "*dik id-dar li tmiss mal-palazz tiegħi*" li f'atti oħrajn hu jsejjaħlu "*il-villeġġjatura*" tiegħu fis-Siġġiewi il-post fejn, sa minn ċkunitu, kien iqatta' xi jumejn għall-kwiet flimkien ma' qrabatu. B'hekk wieħed jifhem kif il-familja Dingli kienet midħla tas-Siġġiewi sa minn qabel ma dawn l-artijiet u l-palazz kienu għadhom jappartjenu lil missieru u 'l zijuh.

Madankollu Nikola Dingli, sa minn ftit snin wara ż-żwieġ tiegħu ma' Madalena, beda jinvesti f'artijiet billi jixtri raba' u djar aktarx bil-ħsieb li 'l quddiem dawn kellhom jgħaddu għand uliedu. Fl-1770 huwa xtara raba' msejjaħ Tal-Ħofra[4] n-naħa tal-Qrendi u ftit snin wara akkwista l-ġardina Ta' Ħodor il-Lipp mhux bogħod mis-Siġġiewi. Kien ġej u sejjer għand in-nutari, l-aktar għand Francesco Decaro, Agostino Marchese u Ignazio S. Bonavita, mhux biss

għal kuntratti ta' assikurazzjoni iżda wkoll biex jinnegozja oqsma u uċuħ tar-raba li kellu qrib is-Siġġiewi u bnadi oħra, fosthom lejn Ħal Luqa, l-Imqabba, in-Naxxar u Ħal Balzan qrib il-ġnien ta' Sant'Anton. Bosta drabi kien iqabbad il-bdiewa jaħdmulu r-raba' u jiżirgħulu l-qamħ. Imbagħad ibiegħ il-wiċċ "*wieqaf*" lil ħaddieħor u hu kemm jitħallas tal-prodott: fil-25 ta' Mejju 1795 Anġlu Xerri, mis-Siġġiewi, xtara mingħandu l-qamħ kollu tat-tliet oqsma msejħin Ta' Bir Baġiar, Tal-Ptajjen u Tal-Ġobbi (it-tlieta fl-inħawi ta' Ħal Xluq), għas-somma ta' 50 skud[6].

F'April tal-istess sena Nikol Dingli qabbel għas-somma ta' 'l fuq minn 100 skud lil Xmun Buhagiar mis-Siġġiewi ħdax-il tomna raba' li kellu f'Ta' Xurraf u Ta' Portelli (lejn Ħal Xluq). F'Mejju, mbagħad, Nikol Azzopardi mis-Siġġiewi ħa bi qbiela għal 8 snin mingħand Dingli l-qasam Ta' L-Ibwar (lejn Wied Costa, qrib Ta' Kandja) bir-razzett miegħu għas-somma ta' 55 skud fis-sena[7] u fl-istess waqt ħallas 35 skud oħra tal-uċuħ kollha li Nikol Dingli kellu f'dak ir-raba'. Xahrejn wara, fil-kuntratti tal-għelieqi mqabblin minnu lill-bdiewa jissemmew bosta artijiet oħra li hu kellu n-naħa tas-Siġġiewi, l-aktar fl-inħawi ta' Ħal Xluq: Ta' Katina, ta' Bir is-Skieken, il-Bur iċ-Ċkejken, ta' Bur il-Kbir, u Tal-Ħida (lejn Wied il-Ħesri).

Bħalma wieħed jista' jara, biss biss mill-artijiet li kellu Dingli kien idaħħal flejjes kbar. Madankollu, xejn ma kien imkabbar anzi kien jagħmel ħafna karità. Darba minnhom Nikol Bonello, gabillott mis-Siġġiewi, naqas li jħallas il-qbiela ta' 1200 skud għas-snin 1793-1795. Nikola Dingli seta' jitfgħu l-ħabs iżda minflok, ħafirlu minnhom 900 skud minkejja li l-gabillot kien daħħlu f'50 skud spejjeż tal-qorti. Dingli kien jaf li Bonello ma kellux imnejn iħallas; għalhekk mhux talli ppermettielu jħallsu bin-nifs anzi xorta ħallieh jibqa' jaħdem l-għelieqi li kien qabbillu.

Lil Ġużeppi, ilsir tiegħu li kien ilu jaqdih sa minn ċkunitu, fl-1794 tah il-libertà u saħansitra ħallieh joqgħod mingħajr ma jħallas kera f'dar kbira li Nikola kellu qrib il-knisja tal-Vitorja, l-Isla; dar li, skont stimi magħmulin f'dawk is-snin, Dingli seta' jdaħħal minnha 100 skud fis-sena kieku kellu jikriha. Barra minn hekk ħallieh igawdi, għal għomru, iċ-ċens ta' 75 skud li kull sena kien idaħħal mill-ġardina Ta' Ħodor il-Lipp, is-Siġġiewi, bil-ħsieb li Ġużeppi meta Nikol u martu Madalena jiġu neqsin ma jbatix il-ġuħ[8]. Żammlu biss il-patt illi miċ-ċens Ġużeppi jrid iqassam, nhar Ħamis ix-Xirka, żewġ skudi u nofs bejn tnax min-nies foqra mis-Siġġiewi, Ta' min isemmi li bejn djar, irziezet u oqsma ta' raba' mifruxin tista' tgħid mal-erbat irjieħ ta' Malta - minn Marsaxlokk sar-Rabat u miż-Żurrieq san-Naxxar - Nikola Dingli kellu madwar 60 proprjetà, il-biċċa l-kbira minnhom fis-Siġġiewi u fl-inħawi tiegħu; proprjetà li, bħal m'għedna aktar 'il fuq, Nikol kien biċċa xtara hu u oħrajn wiret mingħand il-ġenituri tiegħu u ta' martu kif ukoll mingħand iz-ziju tiegħu.

Ir-rabta bejn l-antenati ta' Nikol Dingli u s-Siġġiewi teħodna lura madwar mitejn sena. Bosta minn nieshom kienu benefatturi tal-knisja parrokkjali tagħna sa minn qabel ma nbniet il-knisja l-ġdida. Fost l-ewlenin li jissemmew fid-dokumenti huwa n-nutar Mattew Dingli, imwieled u kien joqgħod is-Siġġiewi għall-aħħar tas-Seklu XVI. Ħadem ta' nutar bejn l-1601 u 1614, Ħafna drabi għall-klijenti Siġġiwin. Kultant jissemmew ukoll oħrajn li fit-testment tagħhom ħallew xi legat jew obbligi ta' quddies fuq xi artal jew f'festi partikolari li kienu jsiru matul is-sena. Milli jidher il-familja Cornelio wkoll kienet midħla tas-Siġġiewi. Lejn l-1760, insibu miktub li s-Sinjura Diana Cornelio, omm Madalena, ukoll kellha dar fis-Siġġiewi[9] u kienet tħallas tagħha 8 tarì u

8 grani ċens fis-sena. Wieħed jista' jgħid li ż-żewġ familji kellhom rabta mill-qrib mar-raħal tagħna u li għalhekk, wara l-Isla, is-Siġġiewi kien l-aktar għal qalbhom.

Nikol u Madalena kienu fost l-akbar benefatturi tas-Siġġiewi u tas-Siġġiwin kollha, mhux biss ħallew bosta artijiet li eventwalment gawda minnhom il-poplu tar-raħal iżda wkoll kienu sikwit jiftakru fir-raħal. Ta' min isemmi li Nikola Dingli kien devot kbir ta' San Nikola. Fit-testment tiegħu tal-1794 huwa ħalla b'legat lill-knisja parrokkjali tar-raħal żewġ gandlieri, buqar tal-ilma u reċipjent imdaqqas u ornamentat għall-ħasil tal-idejn, kollha tal-fidda.

Malli, għall-bidu tas-Snin Ħamsin tas-seklu li għadda, inbniet l-iskola ġdida, infetħu toroq ġodda u twessgħu oħrajn madwarha. L-ewwel li ma twessgħet kienet dik il-parti tat-triq dejqa u mserrpa quddiem l-iskola, imsejħa Taċ-Ċnusijiet (iżda s-Siġġiwin kienu jsejħulha Taħt Ċensijiet - minn Triq l-Imdina sa Triq Wied Ħesri). Fl-istess waqt, bit-tħabrik tal-prokuratur Dun Vinċenz Camilleri, l-artijiet li Dingli u martu ħallew b'risq l-Ospizju Sant'Anna n-naħa tal-Ħesri u Bur il-Kbir bdew jingħataw b'ċens għall-bini ta' djar privati. Madwar għoxrin sena wara, imbagħad, ħarġu offerti oħrajn għal ċnus lejn Ta' Fonzu (illum Triq Lorenzo Gafà, Triq Patri Delia u parti minn Triq ir-Rebbiegħa), għelieqi oħrajn imħollija minn Nikola Dingli. B'hekk, grazzi għall-iżvilupp fil-politika, fl-edukazzjoni u fil-qasam tal-kostruzzjoni, is-Siġġiewi malajr beda jieħu xejra aktar moderna. Bħal donnu, immedjatament wara t-Tieni Gwerra Dinjija, is-Siġġiwin imtlew b'ħeġġa ġdida għax indunaw li setgħu jieħdu d-destin tagħhom f'idejhom, bħallikieku kienu ispirati minn min kiseb is-suċċess għax għaraf jaqta' bi snienu.

Bħalma nistgħu naraw, madwar mija u ħamsin sena qabel, Nikola Dingli kien wieħed minn dawn in-nies, kien bniedem ta' ħila u determinat li jirnexxi. Meta f'dak iż-żmien ta' ġuħ u faqar għaraf l-għaks u t-tbatija tal-poplu tas-Siġġiewi li miegħu għexu l-antenati tiegħu, huwa ħenn għall-proxxmu tiegħu u ddeċieda, flimkien ma' martu, li jqassam ġidu kollu bil-ħsieb li jtaffi t-tbatija ta' ħaddieħor. Bla dubju ta' xejn, Nikola Dingli kien wieħed mill-aqwa benefatturi tas-Siġġiewi. Fil-fehma tiegħi huwa ta' għajb għalina li m'hawn xejn fir-raħal tagħna li jfakkarna fih għajr għal-lapida mwaħħla bit-tħabrik tal-kanonku (li ftit wara ġie mgħolli għad-dinjità ta' Monsinjur) Dun Vinċenz Camilleri mal-ħajt tal-garaxx li l-kanonku kien iżomm bħala uffiċċju tiegħu fi Triq il-Professur Nikola Zammit. B'riħet hekk bosta Siġġiwin gawdew, u għadhom igawdu sal-lum, mill-opri tajba ta' Nikola Dingli.





*Il-buqar u r-reċipjent għall-ħasil tal-idejn imħollija minn Nikola Dingli lill-parroċċa tas-Siġġiewi.*

Kien hawn ħafna oħrajn, Siġġiwin u mhumiex, li b'mod jew ieħor ingħataw rikonoxximent xieraq għas-sehem tagħhom fit-tkabbir u l-kisbiet ġodda tar-raħal. Ifisser li dawn in-nies qdew dmirhom u ħadu ħlashom ta' li għamlu: jekk nagħtu ħarsa madwarna llum insibu toroq u pjazez imsemmijin għalihom. U għala le? Ħaġa sewwa u xierqa. Bil-maqlub, Nikola Dingli wara ħajtu qajla baqa' magħruf fostna għalkemm, nistgħu ngħidu, illi l-ġid u l-iżvilupp imwettaq f'partijiet tar-raħal tagħna fl-aħħar nofs tas-Seklu Għoxrin nafuh lilu. Żgur li kemm Nikola kif ukoll martu Madalena Dingli Cornelio kien u għadu jixirqilhom wisq aħjar minn hekk.

Ħajr lill-Arċipriet Kanonku D. Joe Grech tal-għajnuna tiegħu b'mod partikulari tal-librett fuq l-Ospizju u Dar Sant'Anna ppubblikat minn Fr Alexander Bonnici OFM Conv.

Grazzi mill-qalb ukoll lis-Sagristan Carlos Borg għar-ritratti u l-għajnuna kollha li dejjem sibt minnn għandu, kif ukoll lis-Sur Fabian Mangion għal xi ritratti li għoġbu jipprovdilna.

Nixtieq nirringrazzja ukoll lid-Direttur Andrè Vassallo Grant u lil Ms Josephine Mercieca, Home Manager ta' Dar Sant'Anna, li ġentilment ippermettewli ninkludi ritratti tal-familja Dingli-Cornelio.

## Referenzi

[1] Kienu joqogħdu l-Isla ġo dar kbira fuq ix-xatt fejn, skont ma jgħidilna Nikola, Diana kienet għadha tgħix tal-anqas sal-1793 imma *vedova del Perillustre Signor Giuseppe Cornelio*.

[2] V.Alexander Bonnici ofm: *Dar Sant'Anna għall-Anzjani fl-Isla* - 1987.

[3] Skud kien ekwivalenti għal 20 sold (=20 pence) li jsarrfu ftit aktar minn 8 ċenteżmi ta' Ewro.

[4] Kien jinsab qrib il-palazz tal-Balì Pereira. Ara Repertorju tal-Beni Immobbil-N° 3.

[5] Hekk kienu jissejħu l-qamħ, xgħir u sill eċċ meta l-wiċċ jasal għall-ħsad.

[6] Nav - not. Francesco Decaro. R216/17 fol. 668v. G. Wettinger ifisser l-isem tal-Ġobbi bħala art ikkopplata. (*Place-names of the Maltese Islands*)

[7] Ibid-ff611

[8] NAV - not. Francesco Decaro. R216/19. 24/06/1794. fol.225v

[9] Vist. Pastorali Bartolomeo Rull - 07/10/1759 fol 321v et 322r

Inħeġġu lil kull min hu inkarigat mill-armar tat-triq tiegħu biex jara li l-armar kollu jinħareġ biex iżejjen l-inħawi matul il-jiem tal-festa ad unur il-Patrun tagħna San Nikola.


# Privat tal-Malti

Preparazzjoni għall-eżamijiet tas-SEC (O'Level)
kif ukoll għall-livell intermedju u avvanzat.
Gruppi żgħar b'attenzjoni individwali.
Post: **Siġġiewi**
**Ms. Maria Schembri** (B.A., M.A.)
**2707 5719 / 7926 9990**
Jew ittra elettronika: **maria.schembri23@gmail.com**